**QORTI TAL-MAĠISTRATI (MALTA)**
**MAĠISTRAT DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 18 ta' Novembru 2021**

**Rikors numru 255/2019**

**13 Distributions Ltd (C21976)**

**Vs**

**John Percival**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors tal-attur *nomine* ippreżentat fil-31 ta' Ottubru 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabiex tikkundanna lill-konvenut sabiex iħallasha is-somma ta' disat elef u disa' mitt ewro (€9900) rappreżentanti bilanċ ta' self mogħti lilu u spejjeż oħra inkorsi għan-nom tiegħu, liema somma naqas li jħallas nonostante li ġie interpellat diversi drabi.

Rat li l-konvenut debitament notifikat b'dawn il-proċeduri, baqa' ma deherx quddiem din il-Qorti biex jikkontesta l-kawża u lanqas ma ppreżentat ebda risposta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha;

Rat illi fis-seduta tas-6 ta' Mejju 2021 ġie ppreżentat Kapitolu għas-subizzjoni tal-konvenut u l-kawża tħalliet għas-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021;

Rat illi l-konvenut ma deherx għas-seduta tat-8 ta' Ġunju 2021 u għalhekk il-kapitolu ġie meqjus bħala ammess;

Semgħet ix-xhieda ta' Alexander Bonello in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi;

Rat illi l-kawża ġiet imħollija għal-lum għas-sentenza.

**Ikkunsidrat :**

Alexander Bonello in rappreżentanza tas-soċjeta` attriċi xehed illi l-ammont reklamat mill-istess soċjeta` għadu dovut. Huwa spjega fid-dettall kif sar dovut l-istess kreditu u ppreżenta wkoll skrittura privata, esebita bħala Dokument AB1, liema skrittura kienet saret bejn is-soċjeta` attriċi u l-konvenut fejn l-istess konvenut kien obbliga ruħu li jħallasha s-somma ta' għaxart elef ewro (€10,000). Bonello jispjega kif kienu saru xi pagamenti żgħar li huma riflessi f'rendikont esebit minnu bħala Dokument AB2.

Illi għalhekk abbażi tal-provi prodotti mis-soċjeta` attriċi u fin-nuqqas ta' kwalunkwe difiża da parti tal-konvenut, il-Qorti tqis li s-soċjeta` attriċi ppruvat it-talba tagħha skont il-liġi.

**DECIDE**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' t-talba tas-soċjeta` attriċi, u tikkundanna lill-konvenut John Percival iħallas lis-soċjeta` 13 Distributions Limited is-somma ta' disat elef u disa' mitt ewro (€9900) bl-imgħaxijiet legali mid-data tan-notifika ta' dawn il-proċeduri, u cioe` mis-26 ta' Jannar 2021.[1]

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali Numru 1/2019 u tal-Mandat ta' Sekwestru ppreżentat fil-31 ta'Ottubru 2019.

**Dr. Charmaine Galea**
**Maġistrat**

**Diane Gatt**
**Deputat Reġistratur**

[1] Ai termini tal-artikolu 187 il-pubblikazzjoni fil-gazzetta lokali saret fit-22 ta' Jannar 2021 u kwindi l-konvenut huwa meqjus li ġie notifikat fit-tielet jum tax-xogħol wara tali pubblikazzjoni